VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,801, 12 ta' Ġunju, 2017
Taqsima B

A.L. 180 tal-2017

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2017 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2013 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science – M.Sc. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Kirurġija Dentali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal- tal-Fakultà tal-Kirurġija Dentali bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2017 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2013 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science – M.Sc. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda l-Ordinamenti tal-2013 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science – M.Sc. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Kirurġija Dentali, li ġew ippubblikati bħala Avviż Legali 135 tal-2013, li minn hawn 'il quddiem jissejħu bħala "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2017 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafi (1) u (2) tal-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"4. (1) Il-Kors ikun miftuħ għall-applikanti li għandhomwaħda minn dawn il-kwalifiki li ġejjin:

VERŻJONI ELETTRONIKA

(a) il-grad ta' Bachelor of Dental Surgery – B.Ch.D. - mill-inqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri jew il-grad ta' Master of Dental Surgery mogħti minn Lulju 2018 'il quddiem; jew

(b) il-grad ta' Bachelor of Science (Honours) mill-inqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri fid-Dental Hygiene jew fid-Dental Technology; jew

(ċ) il-grad ta' Bachelor of Science (Honours) mill-inqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri bil-Chemistry, jew Biology, jew Chemistry with Materials, bħala waħda mill-oqsma ta' studju prinċipali; jew

(d) grad mill-inqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri f'dixxiplina relatata max-xjenzi tas-saħħa; jew

(e) grad mill-inqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri f'qasam ta' studju li l-Bord iqis bħala rilevanti għall-qasam ta' studju propost.

(2) Id-dħul tal-applikanti skont is-sottoparagrafi (ċ) sa (e) tal-paragrafu (1) ta' dan l-ordinament jista' jkun kondizzjonali skont ir-riżultati ta' intervista li ssir għal dan il-għan."

L-Emenda għall-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali

4. Il-paragrafu (2) li ġej għandu jidħol wara l-paragrafu (1) tal-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali:

"(2) F'każijiet fejn l-applikanti għandhom nuqqas ta' għarfien essenzjali f'oqsma partikolari mhux ittrattati fl-ewwel grad tiegħu, il-Bord jista' jeħtieġ li l-applikanti jsegwu u jgħaddu minn taqsimiet studju supplimentari f'livell 4 jew anqas li għalihom hemm assenjati mhux aktar minn 12-il krettu ECTS."

5. Il-paragrafu (2) tal-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali għandu jiġi nnumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (3).